MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2006

Numru 955/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Maria Stella Cutajar**
**Spettur Carmelo Magri**
v

**TOMMY DIMECH**

**Il-Qorti;**

Rat lil imputat **TOMMY DIMECH** ta’ tnejn w ghoxrin sena, bin Emanuel u Rita nee Saliba, mwieled Pieta nhar l-erbatax ta’ Awissu 1981, u residenti ‘St. Anthony’, Triq Amante Attard, Haz Zebbug, detentur tal-karta tal-identita` numru 458281M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fid-dsatax ta’ Novembru 2003 ghal habta tal-hamsa ta’ filghaxija f’Haz Zebbug, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Doctor Godfrey

Farrugia MD minn Haz Zebbug, f'perikolu car, permezz ta' strument li jaqta u jniggez [stallet], ikkagunalu feriti ta' natura gravi hekk kif iccertifika Doctor Neboysa Milenkovic tal-isptar San Luqa;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, permezz ta' strument li jaqta u jniggez, ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Doctor Godfrey Farrugia MD, liema offizi x'aktarx jikkagunaw debulizza permanenti fis-sahha jew funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew marda permanenti tal-mohh tal-imsemmi tabib;

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, permezz ta' strument li jaqta u jniggez, ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Doctor Godfrey Farrugia MD, liema offiza tista ggib mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-imsemmi tabib;

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, dolozament bil-hsieb li jikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Margaret Zammit minn Haz Zebbug, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi xejjer l-imsemmi stallet fid-direzzjoni taghha, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu;

5. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li huwa kien qieghed jaghmel delitt kontra persuna, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta u li jnigges;

6. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, zamm u garr strument li jaqta u li jnigges (stallet) minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;

7. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied;

8. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hedded lil martu Diane Dimech bi kliem.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra li tapplika l-piena stabbilita skond l-ligi, tordna lil imputat ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-hdax ta' April 2005 [fol 291] sabiex fin-nuqqas ta' oggezzjoni da parti tal-imputat din il-Qorti tiddecidi fuq il-htija li tista tinstab kontra l-istess imputat.

Rat il-verbal tas-seduta tal-erbgha ta' Mejju 2005 minn fejn jirrizulta li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti [fol 292].

Rat il-process verbal redatt mill-Magistrat Sedenti Dottor Consuelo Scerri Herrera nhar t-tlieta ta' Dicembru 2003 esibit a fol 97 et seq tal-atti.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u lil imputat jixhed min jeddu b'mod voluntarju.

Semghet t-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta ta' nhar s-sitta w ghoxrin ta' Lulju 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-ghoxrin ta' Novembru 2003 **xehed Doctor Godfrey Farrugia** [fol 105] fejn qal li nhar d-dsatax ta' Novembru 2003, ghal habta tal-hamsa ta' wara nofsinhar hu kien qed jinvista tifla ta' xi sentejn, li tigi bint l-imputat odjern, fil-klinika tieghu f'53, Triq l-Helsien, Haz Zebbug, fil-presenza tal-istess imputat u martu Diane u giet invistata waqt li kienet fuq ommha ghaliex t-tifla ma rieditx lil missierha. Qal li t-tifla ma kienetx f'sikkitha emozjonalment. Qal li hu ppreskriva l-*antibiotics* necessarji ghal grizmejha u taha xi *calpol*. Qal li l-imputat u martu staqsewh jekk kienx tajjeb li t-tifla tohrog u hu qalilhom li setghet tohrog f'dawk c-cirkostanzi.

Mistoqsi mill-Qorti jekk dak l-hin kienx hemm xi disgwid, ix-xhud qal li le u li dawn kienu qed igibu ruhhom tajjeb fis-sens li ma kienux qed jagredixxu lil xulxin ghalkemm deher li kien hemm xi haga mhux flokha ghaliex m'indirizzawx lil xulxin quddiemu, indirizzaw lilu biss. Mistoqsi ghaliex kienu staqsewh jekk t-tifla setghetx tohrog, x-xhud wiegeb li ma kienx jaf, ghalkemm staqsewh hames darbiet, l-izjed l-imputat.

Kompla jghid li huma hargu flimkien mat-tifla u dahlet ghandu pazjenta ohra li toqghod vicin l-Professur Alex Manche u kif kien ser jibda jitkellem ma din il-pazjenta, sema' xi kommozzjoni, anzi xi paroli b'vuci gholja gejja mill-*waiting room*.

Qal li f'xi hin xi hadd habbat l-bieb tal-klinika tieghu, hu fetah u ra kommozzjoni ta' nies fosthom l-imputat u martu Diane, omm t-tarbija, min jaghti b'idu u minn bis-sieq. Qal li hdejn il-klinika tieghu ghandu zewg targiet, u hdejn dawn hemm ghaxar piedi bankina w imbaghad t-triq. Kompla jghid li hu nizel t-tarag u kien fuq il-bankina, hdejn in-nies u kif nizel staqsa x'kien qed jigri. Qal li fid-daqqa w il-hin qala qisu daqqa fuq ghajnejh min ghand xi hadd. Qal li ghal ewwel haseb li kienet daqqa ta' ponn u ma hass xejn pero wara ftit sekondi ra d-demm jispara 'l barra, ghamel idejh m'ghajnejh, dahal lura fil-klinika, qabad lizar li kien hemm u poggieh m'ghajnejh. Qal li hareg ghal ftit sekondi fil-*waiting room* w in-nies poggewh fuq il-*couch*, fosthom dik li toqghod vicin l-Professur Alex Manche u ohra li toqghod Triq Indri Borg.

Kompla jixhed li lil imputat ilu jafu ghal dawk l-ahhar sbatax il-sena fl-inhawi u kemm hu kif wkoll l-familja tieghu huma pazjenti tieghu. Zied jghid li anke l-familja Zammit [il-familja ta' mart l-imputat] huma pazjenti tieghu. Qal li dak l-hin tal-incident n-nies li kien hemm fil-klinika hadu *over* u cemplu ghal ambulanza u ghal pulizija. Qal li kien hemm certu George Grech li qallu li kien ahjar li ma joqghodux jistennew l-ambulanza u wasslu hu l-isptar u baqa mieghu sakemm wasal huh. Qal li sakemm kien fuq il-*couch* marret tkellmu omm l-imputat u qaltlu biex tahriflu u hu dak l-hin fehem li kienet qed tirreferi ghat-tifel taghha.

Ix-xhud kompla jghid li waqt li kien qed jinvista t-tifla quddiem l-imputat w ommha Diane, hass li kien hemm xi tenzjoni bejniethom. Qal li t-tifla ma kienetx marida serjament, la kienet mitluqa u lanqas hafna deni ma kellha, ghaliex kieku ma kienx ser jghidilhom li setghu johorguha. Mistoqsi jekk rax xi mwies jew skieken, x-xhud wiegeb li ma rax peress li kellu hafna demm f'ghajnejh u li sar jaf li kien hemm xi mus, minn nies li kien hemm fil-klinika.

Mistoqsi fejn kien l-imputat meta hu hareg barra u ra l-kommozzjoni, ix-xhud wiegeb li kien faccata fuq il-lemin tieghu u fil-kommozzjoni ra lil Rosario Zammit. Qal li hu kien ra id gejja fid-direzzjoni tieghu pero ma kienx jaf kif waslet f'ghajnejh. Zied jghid li Rosario Zammit huwa itwal minnu u l-id li ra gejja fid-direzzjoni tieghu kienet ta' Rosario Zammit. Mistoqsi jekk kienetx din l-id li laqtitu, x-xhud wiegeb li ma jahsibx li kienet hi. Qal li fid-direzzjoni opposta ta' Rosario Zammit kien hemm l-imputat u kienu kollha vicin xulxin dak l-hin, xi zewg piedi boghod minn xulxin. Mistoqsi min kien hemm hdejn l-imputat, x-xhud wiegeb li ma kienx jaf. Mistoqsi jekk rax lil Margaret Zammit dak l-hin, ix-xhud wiegeb li jekk ma kienx sejjer zball, kienet qalb il-folla; l-familja Zammit fuq il-lemin filwaqt li l-familja Dimech fuq ix-xellug.

Ix-xhud zied jghid li meta kien qed jezamina lit-tifla ma kienx immagina li barra l-klinika tieghu kien hemm l-familjari ta' Zammit u Dimech u sar jaf b'dan meta hareg, nizel t-tarag tal-klinika u kien fuq il-bankina u n-nies kienu speci ta' *barrier* ghalih sabiex ikun jista javvanza 'l quddiem. Qal li hemm ra wkoll tfajla fuq in-naha ta' Dimech. Qal li meta ra id Rosario Zammit titla lejh, hu ponn ra. Qal li kien hemm tixjir ta' idejn fl-ajru dak l-hin u ma kienx cert jekk kienx Rosario Zammit li laqtu. Qal li fil-fehma tieghu Rosario Zammit ma laqtux. Qal li d-demm beda jtir u jqattar mal-art wara li hass d-daqqa u d-daqqa f'ghajnejh hassha qabel ma waslet id Rosario Zammit daqstant vicin tieghu. Qal li strumenti fl-idejn fl-ebda hin ma ra. Qal li ftit wara l-incident wasal fuq il-post ibnu Kurt Farrugia.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Frar 2004 **rega’ xehed Doctor Godfrey Farrugia** [fol 158] fejn qal li kien ghadu ghaddej bl-ezamijiet medici minhabba l-incident f’ghajnejh. Qal li l-vista tieghu kienet ghadha batuta u fil-fatt kien ikollu jghatti l-ghajn l-leminija tieghu. Zied jghid li fil-present f’ghajnejh m’ghandux *jelly*, m’ghandux lenti minhabba li ma tiffunzjonax. Qal li mill-ghajn il-leminija kellu *blurred vision* li lanqas l-‘A’ l-kbira tal-*ophtalmology test* ma jara. Qal li fis-sitta w ghoxrin ta’ April 2006 kellu jerga jitla l-Ingilterra sabiex ikun *reviewed*.

Illi nhar l-erbgha ta’ Mejju 2005 **rega’ xehed Doctor Godfrey Farrugia** [fol 293] fejn qal li wara li kien xehed l-ahhar darba, kien gie avvicinat minn xi spettur tal-pulizija fejn talbu jesibixxi certifikati medici rigwardanti l-feriti li sofra. Qal li ghalhekk kien baghat *e mail* l-isptar Moorfields gewwa Londra fejn kien gie operat [fol 297] u talabhom *update report* dwar dan pero dan r-rapport kien ghadu ma wasallux. Ix-xhud esibixxa pero certifikat mill-Konsulent Ophtalmologu Franco Mercieca li kien l-ewwel specjalista li operah f’ghajnejh, li gie mmarkat bhala dokument FM 1 [fol 295] u spjega li ‘n segwitu kien ghamel zewg operazzjonijiet ohra f’ghajnejh l-Ingilterra. Zied jghid li fil-fatt f’Marzu ta’ dik s-sena kien mar ghal *outpatient visit*.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta’ Novembru 2003 **xehdet l-Ispettur Maria Stella Cutajar** [fol 13] fejn qalet li nhar d-disgha ta’ Novembru 2003, ghal habta tal-hamsa w nofs ta’ filghaxija kienet giet infurmata li kien sehh incident quddiem il-klinika ‘The Olives’, Vjal il-Helsien, Haz Zebbug u marret hemmhekk. Qalet li rrizultalha li t-tabib Godfrey Farrugia, li hu t-tabib responsabbli mill-klinika, kien ittiehed b’urgenza l-isptar w operat minn Doctor Neboysa Milenkovic. Kienet giet wkoll infurmata aktar tard li Doctor Godfrey Farrugia kien gie ezaminat wkoll minn Mr. Franco Mercieca.

Qalet li fit-triq hi u sejra lejn l-post tal-incident, kienet tat struzzjonijiet lil PC 998 David Shaun Caruana sabiex jara kif kien sehh l-incident fejn irrizulta li kien hemm l-imputat

presenti fl-awla involut fih. Qalet li ghalhekk hi ordnat l-arrest tieghu. Ziedet tghid li hi marret fuq il-post flimkien ma Dottor Vincent Galea li kien gie nominat mill-Qorti fost esperti ohra, fejn rriskontrat *blood spots* mhux daqshekk cari, fil-*waiting room* tal-klinika ta’ Doctor Godfrey Farrugia, li gew fotografati. Irrizulta skond iben Doctor Godfrey Farrugia, Kurt Farrugia li ra lil missieru jghatti ghajnejh l-leminija b’*tissue* u li dak id-demm li kien hemm kien ta’ missieru. Minn kuntatt li hi ghamlet mal-isptar aktar tard, rrizulta li Doctor Godfrey Farrugia kellu *perforation* f’ghajnejh il-leminija li kienet ta’ natura gravi. Ix-xhud esibit certifikat mediku tal-ispecjalista Doctor Neboysa Milenkovic li gie mmarkat bhala dokument MS [fol 21].
Matul l-investigazzjoni gie stabbilit fejn kienu jirrisjedu l-persuni li kienu presenti waqt l-argument. Qalet li l-ewwel ma marret kien fi Triq Amante Attard, fejn sabet lil mart l-imputat, Diane Dimech flimkien ma missierha w ommha Margaret Zammit. Qalet li saret wkoll tfittxija kemm fil-vettura tal-imputat, kif wkoll fir-residenza tieghu fil-presenza tieghu stess minn fejn gie elevat stallet.

Meta Margaret Zammit, li tigi omm Diane Dimech, giet mitkellma mill-pulizija, din qalet li qabel m’akkumpanjat lil bintha Diane Dimech ghand t-tabib, din kienet ircieviet telefonata ta’ theddid minghand l-imputat fejn qalilha li jekk ma kienetx ser taghtih t-tifla dakinhar, kien ser jisparalha. Margaret Zammit qaltilha wkoll li meta akkumpanjat lil bintha Diane ghand t-tabib Doctor Godfrey Farrugia kien hemm wkoll l-imputat fil-klinika peress li Diane kienet qalet lil imputat li kienet ser tiehu lit-tifla taghhom ghand t-tabib peress li kienet tidher ma tiflahx u biex tara jekk tistax tohrog u tmur ghand l-imputat.

Qalet li meta t-tabib invista lit-tifla, hallsuh, u Diane u l-imputat bdew jargumentaw ghaliex l-imputat ried it-tifla fil-kustodja tieghu. Ziedet tghid li hargu barra mill-klinika jillitigaw u barra kien hemm l-familjari tal-imputat kif wkoll ta’ Diane. Qalet li barra kien hemm agha kbira u storbju u sikkatura u gew ppressati biex t-tifla tghaddi f’idejn l-imputat. Ix-xhud kompliet tghid li Margaret Zammit qaltilha li Rita Dimech kienet hatfet lit-tifla u bdiet

theddidha kif wkoll garrbet xi griehi hfief. Kemm Margaret Zammit kif wkoll Michael Zammit kienu allegaw maghha li f'mument minnhom kien hemm l-imputat li kien qed jerfa sikkina fid-direzzjoni mill-qrib n-naha taz-zaqq ghal gemb tal-istess Margaret Zammit.

Ix-xhud kompliet tghid li hi giet infurmata minn PC 998 David Shaun Caruana li meta kien staqsa lil imputat kienx involut fl-incident u kif setgha wegga' Doctor Godfrey Farrugia, l-imputat kien qallu l-kliem ' *naf li lqattu u ma nafx fejn*'. Qalet li meta l-imputat gie mehud s-CID gew nnutati xi tbajja fuq hwejjgu fejn dawn gew elevati ghal aktar stharrig.

Spjegat li meta gie mitkellem l-ispecjalista Doctor Neboysa Milenkovic dan kien qalilha li ghal habta tal-hamsa w nofs ta' filghaxija tad-dsatax ta' Novembru 2003, Doctor Godfrey Farrugia kien ittiehed l-isptar b'urgenza ghaliex kien garrab *perforation* f'ghajnejh l-leminija li hu kklassifika bhala ta' natura gravi u kien informa lil Mr. Franco Mercieca li kien jirrikjedi urgent surgical treatment biex jigi operat. L-ispecjalista Doctor Neboysa Milenkovic ikkonferma maghha li l-pazjent kellu '*one shallow and deep laceration on the right upper eyelid*', li l-ferita kienet '*placed posterior and temproary side of the globe done with a sharp object*' u li hu kien innumerhom bin-numru wiehed san-numru disgha biex jispjega l-ferita kemm kienet gravi.

Mr. Franco Mercieca il-Konsulent Ophtalmologu, ikkonferma maghha li '*the eye was slashed through the lid*' u li kien qed jinnota li l-ferita tant kienet gravi li l-pazjent ma rrikoverax l-vizjoni tieghu u li l-'*percentage circumference of the eye*' kif kienet giet *slashed*, kienet ¼ *of the circumference*.

Ziedet tghid li l-ghada accediet fil-post fejn kien qed joqghod recentement l-imputat, peress li l-indirizz tieghu kien qed jidher fi Triq Amante, H'Attard, meta fil-fatt kien qed joqghod Flat 5, Block C5, Triq il-Taqtigha, Zebbug, minn fejn fil-presenza ta' Rita Dimech u Emanuel Dimech, missier l-imputat, elevaw zewg snieter, wiehed tal-marka

Spanish bin-numru 247834 kif wkoll shot gun tal-marka Fausti D bin-numru 567799 li gew esibiti formalment bhala dokumenti MS 2 u MS 3 rispettivament. Ix-xhud esibit ricevuta ta' dan il-gbir t'oggetti li giet immarkata bhala dokument MS 1 [fol 22] u kkonfermat li fuqha kienet qed taghraf kemm il-firma taghha, dik ta' Emanuel Dimech u ta' Rita Dimech. Ziedet tghid li dawn gew elevati minhabba l-fatt li Diane Dimech kienet kkonfermat bil-gurament taghha maghha li l-imputat kien qed jheddidha li kien ser jisparalha kemm il-darba ma taghtihx t-tifla Valentina ta' sentejn.

L-Ispettur Maria Stella Cutajar kompliet tghid li l-ghada hadet stqarrija tal-imputat li gharfet presenti fl-awla, wara li taghtu s-solita twissija fil-presenza ta' l-Ispettur Carmelo Magri, liema stqarrija esibit bhala dokument MS 4 [fol 23]. Ix-xhud ikkonfermat kemm il-firma taghha, dik tal-Ispettur Carmelo Magri kif wkoll tal-imputat fuqha. Qalet li kemm omm kif wkoll missier l-imputat kienu tawha certifikat mediku dwar l-feriti subiti waqt l-argument. Binthom Josette Dimech wkoll tatha certifikat mediku ghal griehi li garrbet meta Rosario Zammit kien hebb ghaliha.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Novembru 2003 **xehed l-Ispettur Carmelo Magri** [fol 27] fejn qal li nhar d-dsatax ta' Novembru 2003, kien gie nfurmat li kien hemm persuna li ntlaqtet b'sikkina f'ghajnejha u li kellha feriti gravi. Qal li hu mar fuq il-post f''The Olives', Vjal il-Helsien, Haz Zebbug fejn stabilixxa li l-allegata vittma kien Doctor Godfrey Farrugia, li pero ma kienx hemm peress li kien ittiehed l-isptar. Qal li fuq il-post ma nnota xejn li kien relatat ghalkemm tkellem ma iben l-vittma u cioe ma Kurt li qallu li kien hemm xi qtar ta' demm ta' missieru u li kien mesahom biex inaddaf l-art. Qal li fuq il-post kienu marru tal-forensika li gabru xi kampjuni ta' dan d-demm. Qal li hu tkellem ma Doctor Neboysa Milenkovic li nfurmah li wisq probabbli l-pazjent kien ser jitlef l-*eye sight* miz-zewg ghajnejn w ghalhekk l-feriti kienu gravi hafna. Zied jghid li fuq il-post tkellem ma Diane Dimech u l-genituri taghha li joqghodu qrib hafna tal-klinika fejn sehh l-incident.

Dawn qalulu li Diane Dimech kienet tigi mart l-imputat presenti fl-awla pero kienu separati. Diane Dimech qaltlu li dakinhar filghodu kienet iltaqghet mar-ragel taghha l-imputat u talabha taghtih t-tifla u hi qaltlu li t-tifla ma setghetx taghtihlu ghaliex kienet ma tiflahx w ghalhekk ftehmu li jmorru ghand t-tabib biex jikkonfermaw dan. Qalulu li meta hargu minghand t-tabib, inqala battibekk ghaliex t-tabib qalilhom li l-missier setgha jiehu t-tifla xorta wahda, ghalkemm veru kienet ma tiflahx ghax ma kellha xejn gravi, pero Diane Dimech xorta ma rieditx taghtihlu. Zied jghid li fuq dan inqala l-argument w indahlu l-familjari. Qalulu wkoll li l-imputat wara kien mar gab sikkina mill-vettura tieghu u gara dak li gara. Qalu li ghalkemm raw lil imputat bis-sikkina f'idejh, qatt ma rawh jaghti lit-tabib biha.

Ix-xhud zied jghid li hu tkellem mal-imputat l-*lock up* wara li tah s-solita twissija u wara ddecieda li jikkopera tant li meta talbu ghal arma, hu qallu li setghu jmorru biex jaghtihielu. Qal li fil-fatt hu kien baghat Surgent d-dar ta' omm l-imputat u l-imputat tahielu bil-kwiet kollu u hu ghaddieha lil tal-forensika ghal analizi taghha. Ix-xhud zied jghid li l-flokk ta' taht li kien imcappas bid-demm w ghalhekk l-hwejjeg tieghu wkoll gew elevati flimkien ma kampjun tad-demm tal-imputat u mghoddija lil tal-forensika ghal analizi.

L-Ispettur Carmelo Magri kompla jghid li wara ttiehdet stqarrija minghand l-imputat, wara li rega' nghata s-solita twissija, fejn ikkopera u wiegeb ghad-domandi li sarulu pero fl-ebda hin ma qal kif kien laqat lil Doctor Godfrey Farrugia. Qallu li s-sikkina zammha f'idejh w 'l fuq biex il-familjari ta' martu jarawha u jibzghu minnu u ma jersqux lejh, aktar w aktar meta ra lil ohtu tissawwat. Zied jghid li meta staqsa lil imputat jekk l-ohrajn kienux armati, hu rrisponda li fl-ebda hin ma hadulu s-sikkina minn idejh pero baqa jichad li tah biha. Qal li meta tkellem ma PC 998 David Shaun Caruana, dan qal li l-imputat kien qallu li kien jaf li laqat lit-tabib biha. Qal li l-imputat lilu qallu li kien gab s-sikkina mill-*land rover* wara li kien hemm disgwid bejnu u l-mara tieghu fuq t-tifla u meta ra l-genituri ta' martu resqin lejh, mar gab il-mus, pero ma kien

sawwat lil hadd bih. Kompla jghid li waqt l-investigazzjoni hu kien tkellem mal-genituri ta' Diane Dimech li qalulu li kien hemm hin meta l-imputat kien ipprova jistabbja lil Margaret Zammit. Ix-xhud ikkonferma l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat liema stqarrija tinsab immarkata bhala dokument MS 4 [fol 23] u li l-imputat ghogbu jiffirmha fuq kull faccata taghha.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Novembru 2003 **xehed PC 158 Albert Camilleri** [fol 31] fejn esibixxa d-dokument PC [fol 33] minn fejn jirrizulta li l-imputat jista jzomm fil-pussess tieghu *shotgun* Fausti D *breaking barrel* kif wkoll *shotgun Spanish make, double barrel, hammes less, over and under, breaking barrel under* ghal *sports*, kacca fuq l-art kull sena wara dik tax-xiri taghhom.

Illi nhar t-tlieta ta' Dicembru 2003 **xehed PC 514 Charles Aquilina** [fol 36] fejn qal li nhar l-ghoxrin ta' Novembru 2003, hu kien akkumpanja lil Ispettur Maria Stella Cutajar fil-fond Block C, Flat 5, Triq t-Taqtigha, Haz Zebbug, li hu r-residenza tal-imputat fejn jghix mal-genituri tieghu. Qal li minn hemmhekk eleva zewg snieter u kien rrilaxxja ricevuta li hija mmarkata bhala dokument MS 1 [fol 22], li fuqha hemm l-firma tal-Ispettur u tal-genituri tal-imputat.

Illi nhar t-tlieta ta' Dicembru 2003 **xehed George Grech** [fol 38] fejn qal li dakinhar tal-incident hu kien dahal ghand t-tabib Godfrey Farrugia biex jarah u sabu jzomm ghajnejh u meta staqsih x'kien gara, t-tabib kien qallu li kien intlaqat f'ghajnejh u li kien qed jistenna l-ambulanza tigi ghalih. Qal li hu kien offrielu li jiehdu l-isptar u hekk ghamel. Qal li dak l-hin, t-tabib ma kellux dmijja f'ghajnejh. Qal li t-tabib dak l-hin qallu li ma kien ra xejn u lanqas kien f'posizzjoni jghid minn effettivament tah daqqa f'ghajnejh. Kien qallu li kien hemm xi kwistjoni familjari u li hu kien mar iferraq u li ftit tkellem ghaliex kien mugugh. Mistoqsi jekk t-tabib qallux min kien qed jiggieled, x-xhud wiegeb li ma kien qallu xejn. Qal li ma jidhirlux li fuq l-post hu kien ra lil xi hadd apparti erbgha nisa. Ix-xhud zied jghid li l-ghada kien rega' mar jara lit-tabib, biex jara kif baqa, u rega' rrepetihlu li ma kienx jaf minn effettivament tah d-daqqa. Ix-xhud qal li t-tabib qallu wkoll li waqt li kien l-

isptar, kien mar jarah xi hadd u li effettivament kien hafirlu ghal dak li ghamillu. Qal li waqt li t-tabib kien l-isptar kien mar jarah xi hadd fil-kumpanija tal-magistrat u xi avukat u dakinhar t-tabib kien hafirlu.

Illi nhar l-hmistax ta’ Dicembru 2003 **xehed l-Konsulent Franco Mercieca** [fol 44] fejn qal li hu jokkupa l-kariga ta’ Konsulent fid-Dipartiment tal-Ophtalmologija fl-isptar San Luqa. Qal li dakinhar tad-dsatax ta’ Novembru 2003, waqt li kien l-isptar hu kien invista lil Doctor Godfrey Farrugia li kellu qasma fuq hugbejh u li minnn din il-qasma kien hemm xi haga ppuntata li ppenetrat l-ghajn. Qal li din il-qasma kienet tinvolvi terz mic-cirkumferenza tal-ghajn, li kienet gravi tant li operah dakinhar stess. Qal li dakinhar wkoll t-tabib kellu operazzjoni ohra. Qal li l-ghajn li baqghet intatta, kien hemm riskju li jghama minnha bhala reazzjoni t’infjammazzjoni tal-ghajn l-ohra. Qal li mill-ghajn milquta kien hemm cans li l-vittma jsalva ftit vista pero qatt ma kienet ser tkun normali kif kienet qabel w ghalhekk kienet wahda gravi.

Illi nhar l-hmistax ta’ Dicembru 2003 **xehed Dottor Vincent Galea** [fol 46] fejn ippresenta u halef r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument VG [fol 48 et seq].

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Frar 2004 **xehed PS 602 Jonathan Attard** [fol 131] fejn ippresenta u halef r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument SOCO [fol 53] li tikkonsisti f’disgha w tletin ritratt relatati mal-kaz odjern.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Frar 2004 **xehdet WPC 132 Rita Compton** [fol 147] fejn qalet li minn ricerka li ghamlet hi fuq l-imputat Tommy Dimech, detentur tal-karta tal-identita numru 458281M jirrizulta li m’inghata ebda licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex igorr strument li jaqta u bil-ponta u esibiet d-dokument ST [fol 149] f’dan r-rigward.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Frar 2004 **xehed PS 160 Mario Mifsud** [fol 151] fejn qal li nhar d-dsatax ta’ Novembru 2003 ghal habta tal-hamsa w nofs ta’ filghaxija,

hu kien moghti struzzjonijiet sabiex imur hdejn r-residenza ta’ Doctor Godfrey Farrugia f’’The Olives’, Vjal il-Helsien, Haz Zebbug fejn kienet sehhet glieda. Qal li hu kien mar ma PC 998 David Shaun Caruana. Kompla jghid li meta waslu hemm, minn faccata tar-residenza ta’ Doctor Godfrey Farrugia, harget il-familja Dimech fosthom Diane Dimech, li qalulhom li wara li kienu hargu bit-tifla ta’ sentejn minghand t-tabib Godfrey Farrugia, kien hemm Tommy Dimech, l-imputat odjern, b’sikkina f’idejh li beda jheddidhom biha u waqt li kien hemm Doctor Godfrey Farrugia, l-imputat xejjer s-sikkina lejn wiccu u laqtu f’wiccu. Qalulu wkoll li l-imputat wara kien wkoll mar fir-residenza ta’ ommu sabiex igib senter u jmur ghalihom. Ix-xhud zied jghid li ghalhekk huma marru fir-residenza ta’ omm l-imputat u cioe Block 5, Flat 5, Triq t-Taqtigha, Haz Zebbug, fejn sabu l-familjari tal-imputat u talbu lil imputat imur maghhom sabiex jghamlu tfittxija fil-*land rover* bin-numru ta’ registrazzjoni DAQ 189, liema tfittxija rrizulta fin-negattiv.

Zied jghid li wara marru l-ghassa Hal Qormi ghal aktar stharrig u wara marru l-isptar fejn gew infurmati li Doctor Godfrey Farrugia kien rikoverat hemmhekk. L-isptar tkellem mat-tabib li kien qed jarah li qallu li Doctor Godfrey Farrugia kellu ferita ta’ zewg pulzieri u *stab wound* f’ghajnejh u meta staqsa lil dan t-tabib jekk setghax jitkellem mal-pazjent, dan qallu li setgha jidhol ikellmu. Zied jghid li Doctor Godfrey Farrugia kien qallu li verament kienet dahlet ghandu Diane Dimech b’bintha peress li din kienet ma tiflahx u wara li kien ordnalha xi pilloli u staqietu jekk setghet tohrog, hu kien wegibha li setghet tohrog. Qal li Doctor Godfrey Farrugia kien stqarr mieghu li wara li kienet harget Diane Dimech minghandu, kien dahal pazjent iehor u dak li hemm imnizzel fl-okkorrenza dokument PS [fol 154].

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Frar 2004 **xehed Kurt Farrugia** [fol 160] fejn wara li l-Qorti fissritlu t-tifsira ta’ gurament, peress li ghandu erbatax il-sena, dan qal li dakinhar tad-dsatax ta’ Novembru 2003, waqt li kien d-dar ghal habta tal-hamsa ta’ wara nofsinhar, semgha xi ghajjat barra, qisu twerzieq w ghalhekk nizel isfel, pero

ma fetahx sakemm waqaf l-ghajjat. Wara li fetah l-bieb li jaghti ghal barra t-triq, fuq naha opposta tat-triq, kien hemm xi nies jzommu ragel u dawn in-nies qalulu li dan kien wegga' lil missieru fil-klinika. Qalulu wkoll li lil missieru kienu ser jehduh l-isptar. Qal li wara hu kien mesah d-demm li kien hemm mal-art. Qal li lil missieru dakinhar rah fil-klinika, kellu ghajnejh mghottija b'*tissue*. Zied jghid li pazjent iehor kien wassal lil missieru l-isptar. Qal li hu kien wkoll cempel lil zijuh Eric, li hu wkoll tabib biex jghidlu x'kien gralu missieru. Qal li meta ra d-demm fl-art, m'ghamel xejn hlief li qal lil ommu u beda jimsah d-demm u rema' l-istess *tissue* bid-demm fid-*dustbin* tal-klinika ta' missieru.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Frar 2004 **xehed PC 998 David Shuan Caruana** [fol 162] fejn qal li nhar d-dsatax ta' Novembru 2003, ghal habta tal-hamsa w nofs ta' filghaxija, kien ordnat imur ma PS 160 Mario Mifsud hdejn r-residenza ta' Doctor Godfrey Farrugia f''The Olives', Vjal il-Helsien, Haz Zebbug fejn kienet sehhet glieda. Kompla jghid li meta waslu hemm, sabu xi qtar ta' demm. Qal li xi nies qalulhom li fil-glieda kienet involuta l-ex mara tal-imputat li gharaf presenti fl-awla bhala Diane Dimech w ghalhekk marru fir-residenza taghha li tinsab faccata tar-residenza ta' Doctor Godfrey Farrugia.

Diane Dimech stqarret maghhom li kellha xi tghid mar-ragel taghha l-imputat, u kienet qed tibza li kien ser imur ghaliha. Qal li hu flimkien mal-pulizija l-iehor marru fir-residenza tal-imputat w arrestawh u haduh l-ghassa Hal Qormi. Qal li waqt li kien l-ghassa, fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Maria Stella Cutajar hu kien staqsa lil imputat jekk jiftakarx fejn kien laqat lil Doctor Godfrey Farrugia u dan <u>kien rrispondih li kien laqtu pero ma kienx jaf fejn</u>. Qal li meta staqsa lil imputat b'hiex kien laqtu, wkoll fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Maria Stella Cutajar, dan kien ghazel li ma jirrispondix. Qal li wara l-imputat ittiehed l-*lock up* fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Carmelo Magri. Zied jghid dak l-hin li kien l-ghassa ma kienx jaf kemm kien gravi Doctor Godfrey Farrugia u meta taghtu l-struzzjonijiet l-Ispettur Maria Stella Cutajar biex jistqsih dawk d-domandi, hi ma qaltlux biex jaghti l-*caution* lil

imputat w ghalhekk qabel m'ghamillu dawk d-domandi, hu ma tahx s-solita twissija.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Frar 2004 **xehedet Diane Dimech** [fol 164] fejn qalet li l-kamra fejn kienet torqod hi bit-tifla kien hemm tieqa ghal bitha u l-imputat kellu tieqa li taghti wkoll ghal istess bitha. Qalet li dakinhar tal-incident meta hargu minghand t-tabib, lil imputat kienet qaltlu li kienet ser taghmel *party* zghir lit-tifla d-dar u hu kien qalilha li ried lit-tifla u hi qaltlu li le ghaliex kellha l-*party* u li fil-kaz setgha jehodha l-ghada. Qalet li kien minnu li ma qaltlux filghodu li t-tifla kellha *party* ghaliex l-imputat ma jikkomunikax maghha u li dakinhar la filghodu u lanqas wara nofsinhar ma kienet qalet lil imputat li t-tifla kellha *party*, kienet cemplitlu biex tghidlu li t-tifla ma tiiflahx u fuq il-*party* ma qaltlu xejn.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Frar 2004 **regghet xehdet Diane Dimech** [fol 170] fejn wara li giet imwissija mill-Qorti li jekk riedet setghet ma tixhedx stante li l-imputat jigi zewgha, qalet li kien veru li hi tat x-xhieda taghha quddiem l-espert nominat mill-Qorti w ikkonfermatha fl-intier taghha. Hi esibiet tlett ritatti bhala dokument DD li juru l-kamra tas-sodda tat-tifla fejn l-imputat kien izomm l-arma. Ziedet tghid li ma gemb l-komodina kien izomm shotgun kif wkoll cintorin bl-iskratac. Esibit wkoll ritratt tal-bieb li ghandu hgiega miksura, liema bieb hu tal-kamra taghhom. Qal li kien hemm okkazzjoni fejn l-imputat ried jsawwtaha u jghallaqha u kien kisser l-imsemmija hgiega tal-bieb. Qalet li dan l-incident sehh qabel l-incident in kwistjoni u sabiex izzomm l-kwiet, m'ghamlitx rapport.

Qalet li dakinhar tal-incident in kwistjoni, l-imputat kien qalilha li xtaq jara lit-tifla u hi qaltlu li kellha xi ftit deni. Qalet li ghal habta tal-erbgha neqsin ghoxrin hi cemplet lil imptuat biex tghidlu x'kien gralha t-tifla u l-imputat kien heddidha li jekk ma jiehux t-tifla kien ser jisparalha. Qalet li hi marret ghand Doctor Godfrey Farrugia u hemm sabet lil ommha, lil imputat u lil ommu u dahlu hi u l-imputat bit-tifla ghand t-tabib. Qalet li l-imputat staqsa lit-tabib jekk t-tifla setghetx tohrog u t-tabib qallu li setghet ghalkemm kellha d-deni minhabba grizmejha. Qalet li hi dak l-hin

daret fuq l-imputat u qaltlu li setgha johodha l-ghada peress li kienet ma tiflahx. Qalet li wara l-imputat u ommu bdew jahtfu lit-tifla minn idejha u l-imputat telaq jigri u qalilhom jistennew.  Qalet li mar hdejn l-*land rover* u gie lura bi stallet w ghamlu ma zamm ommha.  Qalet li hi rat lil Doctor Godfrey Farrugia jitbaxxa pero ma rat xejna aktar.  Ziedet tghid li Josette Magri tatha daqqa fuq sidirha w ghalhekk ma setghetx tosserva dak li kien qed jigri. Mistoqsija jekk ratx xi stallet, wiegbet fl-affermattiv. Mistoqsija kif taf li l-imputat kellu stallet f'idejh wiegbet li meta l-imputat gie jigri lura mill-*land rover*, kellu stallet b'manku isfar f'idu ippuntat 'l barra.  Qalet li dak l-hin lil imputat biss rat b'arma f'idejh, la ommu u lanqas ohtu ma kellhom xi haga f'idejhom.  Qalet li Doctor Godfrey Farrugia ghandu tlett targiet jaghtu ghal klinika tieghu u hu kien fuq l-ahhar targa.  Qalet li f'dak l-incident hi sofriet xi griehi, liema griehi ma gewx kagjonati mill-imputat izda aktarx minn ohtu.  Mistoqsija f'idejn min kienet t-tifla f'dik l-konfuzjoni, ix-xhud wiegbet li ma kienetx taf.  Qalet li l-incident in kwistjoni sehh vicin hafna tal-klinika.

Hi cahdet dak suggerit mid-difiza, li missierha u huha kienu fuq il-post tal-incident.  Qalet li missierha mar fuq il-post wara li bdiet il-glieda u l-imputat kien diga gab l-istallet w ghalhekk missierha ma kienx fuq il-post mill-bidu tal-glieda.  Qalet li hi u l-imputat damu hames snin gharrajjes u sentejn mizzewwgin.  Qalet li qabel l-incident in kwistjoni hi u zewgha l-imputat kienu gia bi problemi fiz-zwieg fuq min kien ser ikollu access ghat-tifla u kif ser jarawha.  Qalet li kienu ftehmu li lit-tifla l-imputat jarha siegha kuljum pero kienet ser izzommha hi u kien hemm xi ftehim iehor dwar l-komunjoni li kien sehh xi tlett gimghat jew xahar qabel l-incident.

Ix-xhud ziedet tghid li hi ma tahdimx.  Qalet li ghal habta ta' Settembru hi kienet torqod fil-kamra matrimonjali flimkien ma bintha u l-imputat kien jorqod fil-kamra tas-sodda ta' bintu wahdu.  Qalet li kamritha kienet tissakkar. Qalet li sakemm hi u zewgha l-imputat kienu ghadhom jorqdu flimkien, zewgha kien johrog kmieni ghax-xoghol u hi kienet titla ghand ommha u tirritorna ghal habta tas-sitta w nofs ta' filghaxija.   Qalet li meta kienet titla ghand

ommha, missierha kien ikun diga hareg ghax-xoghol. Qalet li meta kienet tirritorna f'darha, l-imputat kien ikun diga hareg wkoll. Qalet li kien minnu li kien hemm zmien meta l-imputat ma setghax jara lil bintu. Hi cahdet dak suggerit mid-difiza li l-imputat kien jitlobha biex jara lit-tifla. Qalet li ghal tlett gimghat qabel l-incident l-imputat ma kienx talabha t-tifla ui lanqas qabel meta kien imur Paceville u joqghod tard bil-lejl. Qalet li l-kamra tas-sodda fejn kienet torqod, kienet izzommha maghluqa w imsakkarha ghaliex l-imputat kien jheddidha, fil-fatt kemm il-darba heddidha li jisparalha. Hi cahdet li dakinhar tal-incident filghodu kienet harget mill-kamra, sakkret warajha u marret tkellem lil imputat fil-kamra tieghu. Qalet li kien veru li l-imputat ma setghax jara lil bintu qabel imur ghax-xoghol ghaliex kienet tkun rieqda maghha fil-kamra msakkra.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Frar 2004 **xehed Michael Zammit** [fol 166] fejn qal li hu jigi missier Diane Dimech, l-mara tal-imputat. Qal li dakinhar tal-incident hu kien hdejn l-bieb ta' barra tad-dar tieghu li tinsab vicin r-residenza ta' Doctor Godfrey Farrugia meta semgha xi ghajjat, ittawwal u <u>ra lil imputat bi stallet bil-manku qisu iswed f'idu imtella' fid-direzzjoni l'isfel</u> u mar fuqu staqsih x'kien ser jaghmel. Qal li dak l-hin ra lit-tabib jghatti ghajnejh u kellu d-demm. Qal li l-imputat kien xi mitt pied boghod minnu. Mistoqsi kemm kien boghol l-imputat mit-tabib, x-xhud qal li ma kienx jaf ghaliex ma kienx hemm mill-bidu. Ix-xhud qal li bhala griehi hu ma garrabx. Ix-xhud ikkonferma x-xhieda li ta quddiem l-espert tal-Qorti w ikkonfermaha fl-intier taghha. Qal li hu ma kienx jaf fil-bidu li l-imputat u l-mara tieghu li tigi bintu kellhom xi problemi bejniethom, u meta sar jaf xi jumejn jew tlieta qabel l-incident in kwistjoni, kien ipprova jirranghom. Qal li lanqas ma kien jaf li bintu Diane ma kienetx thalli lil imputat jara lil bintu Valentina. Qal li kien jaf li Diane kienet tmur ghand ommha, jigifieri l-mara tieghu, spiss. Qal li l-mara tieghu qatt ma qaltlu li t-tifla taghhom kellha xi problemi fiz-zwieg. Qal li l-imputat u l-mara tieghu kienu joqghodu fil-flat ghal rashom fejn llum jghix l-imputat. Qal li hu ma kienx jaf li l-imputat u l-mara tieghu ma kienux jorqdu fl-istess sodda. Qal li fil-jum tal-incident Valentina kellha l-*birthday* u dakinhar filghaxija

kienu ser jghamlu festin zghir bejniethom, hu, l-mara, t-tfal u z-zghira biss, kienu ser igibu *cake* pero ma lahqu gabu xejn.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Frar 2004 **xehdet Margaret Zammit** [fol 174] fejn qalet li tigi omm Diane Dimech. Qalet li dakinhar tal-incident hi kienet marret ma Diane Dimech ghand t-tabib bin-neputija taghha Valentina fejn sabet wkoll lil imputat u lil ommu. Qalet li waqt li kienu hemm, l-imputat dar fuqhom u qalilhom li ried jidhol maghhom ghand t-tabib u peress li hu jigi missier t-tifla, dahlu Diane u hu u hi baqghet barra. Qalet li meta hargu qam qisu storbju u omm l-imputat u l-imputat bdew jigbdu lit-tifla minn idejn Diane u qam xi storbju u dahlet hi taghti l-ghajjut. Qalet li xi hin l-imputat telaq u qalilhom biex jistennewh u mar lura bi stallet f’ idejh. Ziedet tghid li dak l-hin marret oht l-imputat u tatha daqqa fuq sidirha u hi fferocjat w iddefendiet ruhha bhala mara peress li l-imputat kien mar ghaliha bi stallet.

Ix-xhud kompliet tghid li hi rat lil Doctor Godfrey Farrugia bid-demm fuq ghajnejh u ragel warajh w iggennet. <u>Qalet li l-istallet dejjem f’idejn l-imputat ratu</u>. Qalet li lit-tabib ma ratux barra, ratu gewwa hdejn s-sink. Qalet li hi ma kienetx taf li bintha Diane kellha problemi matrimonjali u lil imputat kienet thobbu qisu binha ghax kien jirrispetthom. Qalet li saret taf li kien hemm problemi bejniethom ftit jiem qabel l-incident u keshet meta saret taf. Qalet li ma kienetx taf li Diane ma kienetx qed thalli lil imputat jara lil bintu u meta saret taf ippruvat tirranghom. Qalet li meta bintha qaltilha li l-imputat kien beda jmur d-*disco* f’Paceville u jixrob, zewgha kien ipprova jirranghom. Ix-xhud ziedet tghid li bintha Diane ma qaltilhiex li l-imputat ma rax lit-tifla tieghu ghal tlett gimghat jew erbgha qabel l-incident. Qalet li t-tifla spiss kienet tmur ghandha ghaliex ma kienetx tahdem. Qalet li l-imputat m’ghandux hin x’hin jigi mix-xoghol, gieli fit-tlieta w nofs u gieli fl-erbgha. Qalet li hi ma kienetx taf li l-imputat ma kienx qed jorqod ma martu.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Frar 2004 **xehed PS 659 Jeffrey Hughes** [fol 176] fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu esibita bhala dokument SOCO a fol 133.

Illi nhar l-hamsa ta' Ottubru 2004 **xehed Rosario Zammit** [fol 203] fejn qal li lil imputat jafu peress li mizzewweg lil ohtu. Mistoqsi jekk jiftakarx meta nqala l-incident li kien wegga' fih Doctor Godfrey Farrugia, x-xhud wiegeb li jiftakru u qal li dakinhar hu kien wasal mix-xoghol ghal habta tal-hamsa, ipparkja hdejn d-dar u kellu jmur jigbor xi pastizzi ghal *party* tat-tifla t'ohtu ghal habta tal-hamsa w nofs. Qal li kif kien ghaddej minn hdejn il-klinika tat-tabib ra argument, kien ser jieqaf pero baqa sejjer u sakemm mar lura kien spicca kollox. Qal li meta wasal fuq il-post kien hemm ommu w ohtu u xi nies jitlewwmu. Qal li argument pero ma rax lil hadd imqabbad f'xulxin.

Illi nhar l-hmistax ta' Frar 2006 **rega' xehed Rosario Zammit** [fol 309] fejn qal li ma kienx jaf li l-pulizija kienu hargu xi *charges* kontrih li kien aggredixxa lil Dimech u lil Josette Magri. Qal li hu zgur ma kienx hemm. Ftakar li hu kien deher quddiem il-Magistrat Mizzi in konnessjoni ma kawza li ma kellha x'taqsam xejn mal-kawza odjerna ghaliex kienet fuq serq. Ix-xhud cahad li hu hebb ghal Josette Magri. Meta saritlu referenza ghax-xhieda li tat omm l-imputat fejn kienet qalet li hu kien presenti, x-xhud rega' nnega li kien presenti ghal incident in kwistjoni. Meta saritlu referenza ghax-xhieda ta' Josette Magri fejn qalet li hu kien girfilha wiccha, ix-xhud rega' ghal darb'ohra nnega li kien fuq il-post tal-incident. Cahad dak li qal l-imputat fl-istqarrija tieghu li offendih ghaliex hu qatt ma kien fuq il-post tal-incident. Meta d-difiza ghamlitlu referenza ghax-xhieda ta' Doctor Godfrey Farrugia, x-xhud ghal darb'ohra cahadha ghaliex qal li hu qatt ma kien presenti ghal incident.

Illi nhar l-hamsa ta' Ottubru 2004 **xehdet Rita Dimech** [fol 205] fejn wara li giet mistoqsija mill-Qorti jekk rieditx tixhed fil-konfront ta' binha l-imputat, x-xhud wiegbet li riedet tixhed nonostante dan. Hi qalet li dakinhar tal-incident kienet cemplet l-mara ta' binha l-imputat xi tlett darbiet biex tghidlu li t-tifla taghhom kienet ma tiflahx.

Qalet li lil mara ta' binha ma tantx temminha ghaliex kemm il-darba qabditha tigdeb. Qalet li qaltilha biex tmur maghha ghand t-tabib bit-tifla, u jekk veru kienet ma tiflahx, Tommy ma kienx ser johodha lil bintu dakinhar w ghalhekk marret wahedha biex tiltaqa maghha ghand t-tabib. Qalet li waslet qabilha u wara ftit waslet il-mara tat-tifel flimkien ma ommha bit-tarbija u bdiet tilghab mat-tifla w ommha bdiet tghid li t-tifla ftit fietla, pero hi ma messitilhiex mohha lit-tarbija.

Ix-xhud kompliet tghid li hi cemplet lil binha l-imputat li qalilha biex ma tidholx hi ghand t-tabib ghaliex kien sejjer hu hemmhekk u biex ma thallihomx jidhlu qabel ma jasal hu u qalet lil Diane li binha kien fit-triq. Ziedet tghid li meta wasal binha l-imputat, hu u Diane dahlu ghand t-tabib flimkien bit-tarbija u hi qaghdet tistenna fil-*waiting room* man-nanna tat-tarbija. Qalet li x'hin hargu, daret fuq binha l-imputat u staqsietu x'kellha t-tarbija u hu rrisponda li ma kellha xejn u li t-tabib kien qallu li setghu johorguha. Qalet li appena hargu barra binha ried jiehu lil bintu u lil martu qaltilha biex tghatilha t-tifla la ma kienetx marida, ghaliex dejjem hadet hsiebha. Qalet li ma tiftakarx jekk taghtix t-tifla hi jew haditilha pero t-tifla spiccat f'idejha u qam pandemonju ghaliex binha l-imputat ried johodha u omm t-tarbija ma rieditx taghtihielu. Qalet li hi kienet bit-tifla f'idejha u dak l-hin waslu hu Diane u missierha u aktar qam storbju. Qalet li hi zammet lit-tifla f'idejha biex ma tintlaqatx minn dak li kien ghaddej, biex tipprotegiha. Mistqosija minn x'hiex bdiet tipprotegi lit-tarbija, x-xhud wiegbet li mill-idejn li bdew jixxejjru dak l-hin. Qalet li xi hin wasal fuq il-post n-nannu tat-tarbija, Michael Zammit u hadilha t-tifla minn idejha u girfilha ghonqha liha. Qalet li wara binha l-imputat telaq x'imkien u kulhadd infired minn ma xulxin. Qalet li lil binha hi ma kellmitux, lanqas kelma ma qaltlu.

Ix-xhud kompliet tghid li hi rat lit-tabib li wegga' pero ma rat lil hadd jolqtu. Qalet li meta dahlet hdejn t-tabib rat li ghajnejh kienet mghottija. Qalet li ma kienetx taf kif wegga' t-tabib. Mistoqsija fejn kien binha meta bdiet izzomm lit-tarbija, ix-xhud wiegbet li ma kienetx taf ghaliex mohha kien biss fit-tarbija. Qalet li binha gie lura fuq il-

post bil-*land rover*. Qalet li dak l-hin ratu sejjer lejn l-*land rover* pero ma ratux gej lura minn hdejha. Qalet li meta ratu sejjer lejn l-*land rover*, hasbet li kien ser jitlaq minn fuq il-post. Qalet li hi dahlet hdejn t-tabib ghaliex semghet lil xi hadd jghid li kien wegga', wara li binha mar hdejn l-*land rover*. Qalet li minn fuq il-post bil-*land rover*, lil binha ma ratux jitlaq. Kompliet tghid li dak iz-zmien binha kellu xi problemi ma martu fuq t-tifla ghaliex ma rieditux jara lil bintu. Qalet li dakinhar tal-incident u cioe d-dsatax ta' Novembru tifla Valentina kellha l-*birthday*.

Illi nhar l-hamsa ta' Ottubru 2004 **xehdet Josette Magri** [fol 208] fejn qalet li hi tigi oht l-imputat presenti fl-awla. Qalet li dakinhar tal-incident hi kienet marret fuq il-post biex tigbor lil ommha minghand t-tabib pero baqghet fil-karozza peress li kellha t-tifel maghha. Qalet li appena rat lil ommha, lil mara ta' huha u lil ommha hergin minghand t-tabib, semghet xi ghajjat u marret tara x'kien gara. Qalet li kif kienet sejra, rat lil Diane, lil huha u lil ommha gejjin jigru lejha biex jaghtuha. Qalet li hu Diane girfilha wiccha w ommha qatghetilha l-gizirana u hi ddefendiet ruhha. Msitoqsija x'ghamel huha l-imputat, x-xhud wiegbet ratu sejje lejn l-*jeep* pero x'ghamel wara ma kienetx taf. Qalet li kien hemm tlieta fuqha u wara li nqaghlet minn maghhom, marret hdejn omma u regghet rat lil imputat jahrab. Ix-xhud ziedet tghid li sa dak l-hin hi ma kienetx taf x'kien gralu t-tabib, wara saret taf. Qalet li l-proceduri fil-konfront taghha tad-distrett kienu gew decizi kollha.

Illi nhar l-ewwel ta' Dicembru 2004 **xehed Doctor Mario Scerri** [fol 221] fejn esibixxa u halef r-relazzjoni tieghu li tirrigwarda l-ezami li ghamel fuq l-imputat u Doctor Godfrey Farrugia nhar l-ghoxrin ta' Novembru 2003, li giet mmarkata bhala dokument MS [fol 222 et seq]. Minn ezami tal-istess, jirrizulta li l-ferita li subixxa Doctor Godfrey Farrugia kienet ta' natura gravi u kienet tippenetra l-ghajn u maghmula minn strument bil-ponta, filwaqt li fuq il-persuna ta' l-imputat, kien hemm lezjonijiet w abrazzjonijiet kompatibbli ma grif.

Illi nhar l-ewwel ta' Dicembru 2004 **xehed Robert Cardona** [fol 238] fejn esibixxa u halef r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument RC [fol 239 et seq].

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Jannar 2005 **xehed Doctor Neboysa Milenkovic** [fol 281] fejn qal li meta ezamina lil Doctor Godfrey Farrugia, sab li kellu *perforated eye wound to the right eye*. Qal li l-pazjent kien wara gie nvistat minn ophtalmologu iehor. Qal li l-pazjent kien gie operat minn Mr. Franco Mercieca. Qal li l-ferita li kellu l-pazjent kienet wahda gravi u kienet giet kawzata minn oggett li jaqta u bil-ponta. Qal li l-pazjent kien gie milqut minn strument bil-ponta gej '*from the top temple right side*'.

Illi nhar l-hmistax ta' Marzu 2006 **xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 312] fejn ikkonferma fl-intier taghha l-istqarrija rilaxxjata minnu stess nhar l-ghoxrin ta' Novembru 2003 mmarkata bhala dokument MS 2. Qal li hu kien ilu mizzewweg lil mara tieghu, xi sentejn qabel ma beda jinqala l-inkwiet bejniethom. Qal li l-inkwiet kien inqala peress li martu kienet tkun dejjem ghand ommha u ma kienetx tkun trid issajjarlu. Qal li kien hemm xi drabi meta kien jinsa c-cwievet warajh u meta kien jasal d-dar kien jissakkar barra. Qal li hu kien jghid lil martu li meta jasal lura d-dar kien ikun irid isibha d-dar, hi kienet tghidlu *all right*, u l-ghada jergghu l-istess.

Qal li martu kienet issakkar lil bintu fil-kamra biex ma jarahiex, ghalkemm kien jghidilha li meta jirritorna lura mix-xoghol kien ikun irid jarha. Qal li lil martu kien jistaqsiha ghaliex kienet tigi tard minghand ommha u t-tifla kienet tkun rieqda u hu kien jaghmel granet ma jarahiex ghaliex ma kienx iqajjimha. Qal li hu gieli hareg ghax-xoghol xi l-hamsa jew s-sitta w t-tifla ma kienx jaraha ghaliex kienet tkun imsakkra fil-kamra ma ommha. Qal li kien jirritorna bejn l-erbgha w s-sebgha ta' filghaxija u gieli l-mara kienet tkun ghadha ghand ommha u ma jarahiex. Zied jghid li din s-sitwazzjoni kien ilha ghaddejja zmien twil u hu kien ipprova jirranga s-sitwazzjoni, pero martu ma kienetx taghti kazu.

Qal li l-incident li sehh nhar d-dsatax ta' Novembru 2003, kien fil-*birthday* ta' bintu. Qal li dakinhar hu kien qal lil martu li dakinhar xtaq jiehu lil bintu almenu ghal siegha

ghand ommu biex jghamlulha festin, peress li kemm missieru kif wkoll ommu kien ilhom zmien twil ma jarawha. Cahad li hedded lil martu li kien ser joqtolha u li ghamel xi stallet ma zaqq ommha.

Qal li hu mar hdejn ohtu ghaliex missier u hu martu, kienu mdawwrin maghha min jigbidha minn xagharha u min jimbuttaha. Qal li martu kienet hdejn ommha. Qal li rritorna lura hdejn ohtu peress li kienet imdawwra minn missierha u huha li bdew jimbuttawha u jigbduha minn xagharha. Qal li dak l-hin li marret martu fuqu biex izzommu u hu ghadda l-istallet min warajha peress li kellha lil bintu fuqha. Qal li bdew jixxejjru daqqiet bl-addocc u kien hemm konfuzzjoni shiha. Qal li mhux veru li Rosario Zammit ma kienx hemm, ghaliex hemm kien zgur. Cahad li qatt hedded lil martu b’arma li jisparalha. Qal li l-kamra tas-sodda ta’ martu taghti ghal fuq bitha w ghandha tieqa fiha w ghalkemm hi kienet issakkar, xorta setgha jidhol fil-kamra mit-tieqa.

Mistoqsi kif garrab l-ferita Doctor Godfrey Farrugia, x-xhud wiegeb li ma kienx jaf. Qal li hu qatt ma ghamel rapporti lil pulizija fuq martu ghaliex dejjem npprova jirranga s-sitwazzjoni, ghaliex kien imdejjaq u kien ilu jiehu pacenzja, ghaliex qisu ma kellux mara. Ghal darba’ohra rega’ cahad li hedded lil martu ghalkemm qal li kien veru li ried jiehu lil bintu ghand ommu dakinhar, peress li kellha l-*birthday*. Zied jghid li wara l-incident hu kien ha l-oggetti personali tieghu ghand ommu filghaxija. Qal li l-istallet kien proprjeta tieghu ghaliex hu dilettant li jinzel jghodos u kien hallih fil-karozza, ghalkemm licenzja tal-pulizija ghal garr tieghu ma kellux. Qal li hu kien ser jitlaq lejn daru pero meta ra lil Rosario Zammit u lil missier martu resqin lejn ohtu, jxejjru bl-addocc, zamm l-istallet f’idejh. Cahad li hu mar biex jiggieled izda mar biss biex ibezzaghhom u li kieku ma kellux l-istallet, kienu jaqbdu jaghtu lilu u kien ikun hemm herba shiha. Qal li huma komplew jxejjru bl-addocc meta urihom l-istallet. Cahad li hu xi hin ammetta mal-pulizija li kien laqat lil Doctor Godfrey Farrugia. Qal li dakinhar tal-incident kien ghadu jghix mal-mara tieghu f’Siggiewi Road, Haz Zebbug u dak l-lejl kien ha l-oggetti

tieghu ghand ommu f'Haz Zebbug stess.  Qal wkoll li hu baqa jahdem normali l-Bognor mill-incident 'l hawn.

Illi nhar l-ghaxra ta' Mejju 2006 **xehdet Miriam Sevasta** [fol 323] u esibiet *social inquiry report* dwar l-imputat, kif ordnata taghmel b'digriet tal-Qorti datat ghoxrin ta' Marzu 2006, liema rapport gie mmarkat bhala dokument SIR [fol 325].

Illi minn ezami ta' dan r-rapport jirrizulta li f'dak il-perjodu tal-incident, l-imputat kien ghaddej minn perjodu xejn felici fil-hajja matrimonjali tieghu.  Hu kien mizzewweg u minn dak z-zwieg kellu biss it-tifla Valentina.  Hija tghid li l-imputat huwa persuna biezla u li dan jixhdu wkoll r-rekord t'impjieg mahrug mill-ETC li juri lil-imsemmi imputat ghandu storja vasta ta' xoghol u li fil-present jahdem fil-qasam tal-kostruzzjoni.

Spjegat wkoll li l-vittma, ghandu disabilita ta' 23% u li l-vista t'ghajnejh telqet kompletament.

Il-Probation Officer esibit wkoll r-rapport li rceviet minghand Doctor Godfrey Farrugia bhala dokument 1 [fol 339] u minn ezami tieghu jirrizulta li huwa hafer lil imputat ghal dak kollu li ghamillu u stqarr li kien ilu jaf lil imputat minn mindu kien ghadu tifel u li fil-fatt huwa t-tabib kuranti tieghu.  Huwa stqarr li pero il-mahfra tieghu "m'ghandhiex issarraf bhala djufija mic-civil li ghandha d-dover li bil-gudizzju tal-Qorti, trazzan dan t-tip t'atteggjament perikoluz."

Ikkunsidrat:

Illi d-difiza bdiet bid-difiza taghha billi spjegat lil Qorti li l-imputat ghandu jigi trattat bhala kwalunkwe imputat iehor u m'ghandux jigi pregudikat ghaliex fil-fatt fera professjonist jew ahjar membru tal-professjoni medika. Id-difiza fakkret lil Qorti li l-vittma ghandu jigi kkusidrat daqslikieku kien persuna kwalsiasi ohra.

Din il-Qorti tghamilha cara li hija qatt ma rat ucuh la ta' minn gie akkuzat quddiemha u daqstant iehro ta' min safa

vittma u dan ghaliex il-gustizzja m'ghandux ikollha ucuh w ghalhekk, ma hemmx dubbju li din il-Qorti sejra tittratta mar-reat li gew kommessi u konsegwetnement ser televa ruhha mill-persuna li giet feruta.

Illi mill-provi prodotti u cioe minn dawk cirkostanzjali, jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, li kien l-imputat, u hadd aktar, li effettivament laqat lil Doctor Godfrey Farrugia dakinhar tad-dsatax ta' Jannar 2003 u ma hemmx dubbju lanqas, li tali ferita kif deskritta mill-Ophtalmologu Franco Mercieca, hija ferita ta' natura gravi u li kkagjonat debulizzi permanenti fil-funzjoni ta' parti tal-gisem u gabet difett permanenti fil-vista tal-istess tabib.

Issa, kif hu ben saput fis-sistema gudizzjarja nostrana, sabiex tigi radikata htija tal-imputat ghal feriti gravi, hija bizzejjed l-intenzjoni generika li jikkawza xi offiza fuq il-persuna tal-ferut. Il-ligi trid principalment, tikkastiga u tiddiswadi l-uzu t'aggressjoni fizika bhala reazzjoni ta' persuna ghal komportamenti u disappunti riskontrati fir-relazzjonijiet socjali u huwa hati ta' reati ta' offiza fuq il-persuna, kull wiehed li jikkawza feriti fuq haddiehor.

Fil-ligi taghna, ai fini ta' reati ta' offiza voluntarja fuq il-persuna, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Jekk l-intenzjoni tal-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hi zghira, din il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu jrid iwiegeb ghal konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta t'ghemilu.

Id-difiza sostniet li dan huwa kaz car ta' *rissa*, ghaliex fil-fhema taghha, l-awtur tar-reat principali, u cioe tal-ferita gravi li ssubixxa Doctor Godfrey Farrugia, mhux magfhruf.

Bir-rispetti kollu, din il-Qorti ma taqbilx mad-difiza li tghid li l-awtur tar-reat principali mhux maghruf u dan ghaliex mill-provi prodotti, kemm dawk diretti, x-xhieda tal-Ispettur Carmelo Magri [li jghid li l-imputat tah l-arma li ntuzat fl-incident], PC 998 David Shaun Caruana [li jghid li l-imputat qallu li kien laqat lit-tabib izda ma jafx fejn], l-ammissjoni tal-imputat [li jghid li zamm f'idu l-mus biex

ibezzgha lil ohrajn], il-familja Zammit [li lkoll jghidu li raw lil imputat bil-mus f'idejh].

Illi ghalhekk, fid-dawl ta' dawn il-provi, l-awtur huwa maghruf u tali difiza qed tigi michuda fit-totalita taghha.

Illi bla pregudizzju ghal ewwel difiza, l-avukat difensur sostna li semmai allura l-imputat ghandu jinstab hati talli kkaguna feria involuntarja ta' natura zghira ghaliex zgur li ma kellu l-ebda intenzjoni li jwegga'.

Il-Qorti lanqas din d-difiza ma hija ser takkolja ghaliex il-fatt lil huwa mar jigri lejn il-karozza, gabar stallet u beda jxejjer bih meta ma kien hemm hadd aktar li kellu xi arma jfisser li huwa m'aggixiex b'mod involuntarju, izda voluntarju w ghalhekk din d-difiza qed tigi wkoll michuda.

Id-difiza, wkoll bla pregudizzju ghas-suespost, eccepiet l-legittima difesa kif kontemplat fl-artikolu 223 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe li:

"*Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offizi fuq il-persuna huma ordinati jew permessi mill-ligi, jew mill-awtorita legittima, jew mehtieg mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed nnifsu jew ta' haddiehor.*"

L-artikolu 224 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jsemmi certi kazijiet [li taht l-ebda immaginazzjoni hi ezawrjenti] ta' necessita attwali ta' difiza legittima. Dawn il-kazkijiet huma biss ezempji.

Jigi rilevat li d-dritt ghal legittima difisa, jittiehed u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fondamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu, anke bl-uzu tal-forza. Izda l-ligi timponi certi kondizzjonijiet sabiex din l-eccezzjoni tigi milqugha, cioe t-theddid a'xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun gust, gravi u inevitabbli.

Fil-fatt **l-Imhallef Harding** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Attard** ***deciza fil-hdax ta' Novembru, 1968*** jghid:

"*L-estremi tal-legittima difesa ma jistghux jigu ndikati ahjar milli bil-formula klassika tal-Carrara li l-perikolu hemm bzonn li jkun ingust, gravi w inevitabbli. Skritturi ohra m'ghamlux hlief elaboraw dan l-element.*"

Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi, li jekk jaffettwaw ruhhom, jikkagunaw hsara rreparabbli lid-difensur, jigifieri hsara jew offiza fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur.
L-imputat irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jisab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikoli li ma setghawx jigu evitati b'mod iehor. Jigifieri l-perikolu ghandu ikun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu ikun attwali, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok ghal provokazzjoni u mhux legittima difesa. Il-perikolu irid ikun assolut cioe li f'dak il-mument li kien qed jsehh, ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Izda hawnhekk ghandu jigi applikat t-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qrati dejjem specifikaw u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'setgha ghamel jew xi jmissu ghamel d-difensur (imputat) qabel ma ha l-azzjoni in difesa bl-uzu tal-forza. Fil-fatt kif jghid il-**Professur Mamo:**

"*The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time.*"

Fl-ahhar nett irid jigi wkoll nnutat li biex imputat ikun jista jigi gustifikat ghal kollox fid-difiza legittima, huwa m'ghandux jaddotta metodi li huma in eccess jew sproporzjonati ghall-aggressjoni jew minaccja ta' perikolu.

Fil-fehma tal-Qorti, ma jidhirx li kien hemm xi perikolu gravi, imminenti jew inevitabbli. Kien hemm semplici argument li gie provokat mill-fatt li bejn l-imputat u martu hemm separazzjoni ghaddejja u kellhom xi tilwima fuq il-wild komuni. L-imputat wera’ certa aggressivita fl-ghemil tieghu billi mar ifittex stallet, li hu jghid sabiex ibezzgha

bih, pero l-Qorti tistaqsi; ghalfejn beda jxejjer bih meta kien urih lil familjari ta' martu ?

Il-fatt li barra l-klinika ta' Doctor Godfrey Farrugia ngabru l-familjari ta' martu ma nneccessitax l-bzonn li l-imputat, li wkoll kien mal-familjari tieghu, imur fil-karozza tieghu u jgib l-istallet. Hadd mill-membri presenti ma kellu xi arma jew strument bil-ponta li jaqta fuqu.

Il-Qorti ma hijiex moralment konvinta, anke fuq bazi ta' probabbilita, li l-feriti li garrab Doctor Godfrey Farrugia, sofrihom fil-kuntest ta' legittima difesa jew eccess ta' legittima difesa.

Lanqas ma l-Qorti tara li l-imputat agixxa taht l-influwenza ta' passjoni istantanea jew agitazzjoni tal-mohh li minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma setghax iqis l-ghemil tieghu kif kontemplat fl-artikolu 227(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Id-difiza sostniet wkoll bla pregudizzju ghad-difiza l-ohra mressqa minnha li l-imputat agixxa taht provazzjoni.

Issa, l-artikolu 227(c) jiddisponi li l-omicidju (u bl-applikazzjoni tal-artikolu 230(b) tal-Kap 9 japplika wkoll f'kazijiet ta' griehi, kazijiet ta' offizi voluntarju fuq il-persuna) huma voluntarji u skuzzabbli.

"*Meta jsir minn persuna filwaqt li tkun taht l-influwenza mmedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh li minhabba fiha, filwaqt tad-delitt, ma tkunx tista tqis l-eghmil taghha.*"

Pero dan l-artikolu jkompli jispjiega li :

"*Sabiex l-akkuzat jitqies li ma kienx jista jqis l-eghmil tieghu, jinhtieg, fil-kazijiet ta' provokazzjoni, li fil-fatt l-omicidju (jew l-offizi) jkun sar minhabba sahna ta' demm u mhux ghaliex kien hemm il-hsieb maghmul tal-qtil ta' persuna jew ta' hsara gravi fuq il-persuna, u li r-raguni tal-provokazzjoni kienet tali li f'mument ta' temperament*

*ordinarju, komunement igib l-effett li ma jkunx kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt.*"

Sabiex ssir interpretazzjoni tajba ta' dan l-artikolu jinhtieg li ssir attenzjoni partikolari ghal kliem tal-ligi.

Meta l-iskuza ta' passjoni istantanja kienet qed tigi proposta biex ssir difiza fil-Kodici Kriminali, **Sir Andrew Jameson** oppona bil-qawwa tant li qal is-segwenti:

"*The exercise of instantaneous passion seems to be so dangerous among a southern race and so contrary to the sound principles of criminal responsibility that I cannot recommend it to be retained in the prepared code without great modification.*"

**Sir Andrew Jameson** ghalkemm qabel ma guristi ta' diversi pajjizi li tesisti differenza bejn omicidju kommess taht passjoni istantanja u omicidju kommess b'mod volut u deliberat, hass il-htiega li din l-iskuzanti tigi ammessa fil-ligi taghhom b'diversi verifiki *on such outbreaks of brutal violence of temper.* U appuntu ghalhekk illi llum ghandna l-artikolu 227(c); sabiex persuna tkun tista tigi kunsidrata inkapaci li tifforma l-hsieb jekk jeziztu certi cirkostanzi.

L-ewwel nett l-omicidju jew offiza trid tkun risultat tas-sahna ta' demm tal-mument u mhux rizultat ta' intenzjoni specifika ta' qtil jew ta' hsieb li tikkawza offiza lil persuna.

Fit-tieni lok, il-provokazzjoni trid tkun tali li f'nies ta' temperament normali w ordinarju ma jkunux jistghu jqisu l-konsegwenzi tar-reat.

Din t-tieni konsiderazzjoni trid tigi spjiegata fic-car billi gie tenut li t-test li jrid jigi applikat sabiex jigi ppruvat li l-provokazzjoni kienet tali li tnehhi s-*self control* ta' bniedem normali, cioe bniedem ta' temperament ordinarju. Min hu bniedem normali jew bniedem li ghandu temperament normali, hija kwistjoni ta' fatt li hija difficili tistabilixxi.

Ghalhekk kif sewwa ndirizza lil gurati l-Imhallef fil-guri **Repubblika ta' Malta v Martin Galea** li gie deciza mill-

Qorti Kriminali fl-ewwel ta' Settembru, 1982, t-test li jrid jigi addottat hu mhux dwar x'tip ta' persuna partikolari jrid jigi gudikat, jew ta' karattru tal-persuna, imma jekk persuna ta' temperament normali fic-cirkostanzi li jinstab fihom kienx ikun inkapaci li jqis l-konsegwenzi tal-azzjoni tieghu. Ghalhekk mhux qed niehdu bniedem *cold blooded*, izda bniedem komuni u normali fil-gisem u fil-mohh.

Fit-tielet lok fl-artikolu 227(c) l-ligi ma tispecifikax x'tip ta' provokazzjoni irid ikun hemm bhal ma jistqarr l-artikolu 227(a) cioe ferita gravi. Ghaldaqstant minhabba dan n-nuqqas jispetta lil gudikant jezercita l-gudizzju savju tieghu dwar x'hinu l-kawza ta' provokazzjoni. Ghalhekk salv ghall-eccezzjonijiet naxxenti mill-ligi stess u cioe mill-artikolu 229:

"*Kull fatt, ikun xi jkun, li jinduci passjoni subitanea jew eccitament mentali bhala rizultat, l-agent huwa fil-mument tal-qtil inkapaci li jirifletti huwa bizzejjed basta pero l-kundizzjonijiet imsemmija aktar 'l fuq gew sodisfatti.*"

Fil-fatt il-**Professur Mamo** fin-noti tieghu taht t-titolu ***Crimes from sudden passion*** - pg. 121 jghid

"*That sudden passion so disturbs that balance of the mind and so agitates the emotions that a person acting in these circumstances, cannot form a clear and definite intention to commit a particular crime, or at any rate it must always remain doubtful whether his acts were directed to one crime rather than to another, whether they represented the end of the offender, rather than the commencement of the execution of a more serious crime.*"

Fir-raba lok, il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 235 tal-Kap 9 u cioe li ma jiswewx lil hati il-provokazzjonijiet imsemmija fl-artikoli fuq citati u cioe 227 u 230 meta ma jkunux saru filwaqt tal-azzjoni li taghha jingiebu bhala skuza.

Fi kliem iehor ghalhekk huwa necessarju *sine qua non* li l-qtil jew l-offizi saru mmedjatament wara u fuq l-provokazzjoni tal-vittma. Ghaliex f'kaz li hemm bizzejjed

hin sabiex il-passjoni tonqos jew tibred u ghalhekk bizzejjed hin sabiex l-agent jerga jigi f'tieghu fis-sens li ma jkunx f'sahna ta' demm, allura m'hemmx din il-provokazzjoni izda ikun hemm tpattija voluta.

**Glanville Williams** fit-***Textbook of Criminal Law*** - pg, 479 jghid:

"*Killing in provocation is a kind of killing in revenge but we refrain from calling it that. The term 'revenge' is used for retaliatory action that is planned and cold blooded. Provocation refers to the heat of the moment.*"

Id-definizzjoni klassika tal-kelma *'provocation'* giet mehuda mill-indirizz moghti mill-**Imhallef Derlin** fl-Ingilterra fil-kawza ***R v Duffy*** (1945) fejn qal :

"*Provocation is some act or series of acts done by the dead man to the accused which would cause in any reasonable person and actually causes in the accused, a sudden and temporary loss of self control rendering the accused so subject to passion as to make him for the moment not master of his mind.*"

Illi bir-rispett kollu f'dan il-kaz, veru jista jaghti l-kaz li l-impuatt kien mimli ghal martu minhabba problemi ta' zwieg u access ta' bintu minuri Valentina, pero zgur li ma kienux cirkostanzi li nqalghu proprju dak l-hin tal-aggressjoni. Il-problemi li l-imputat kellu ma martu, kienu kollha antecedenti ghal incident w ghalhekk l-imputat kellu kull hin u opportunita li jikkalma u jizen ghemilu.

Ghalhekk **l-Qorti qed issib lil imputat TOMMY DIMECH hati** talli kkaguna feriti gravi ai termini tal-artikolu 218(1)(a) fuq il-persuna ta' Doctor Godfrey Farrugia u talli kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta u li jniggez minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija, talli kiser il-paci pubblika u talli hedded lil martu Dorianne Dimech bi kliem **filwaqt li ma ssibux hati** talli ttanta jikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Margaret Zammit**.**

**Il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 214, 216, 217, 218, 338(dd), 339(1)(e) u 533 tal-Kap 9, l-artikolu 26 u 3(1A) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta ai fini ta' piena w ikkunsidrat is-segwenti:

1. Il-fedina penali netta tal-imputat esibita a fol 3 tal-atti markata bhala dokument CSH minn fejn jirrizulta li l-imputat m'ghandu ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrat fuqha u ghaldaqstant ghandu jigu trattat bhalikieku huwa *a first time offender*;

2. Il-fatt li l-imputat iddispjacih sinceramant ghal dak li ghamel;

3. Il-fatt li l-vittma Doctor Godfrey Farrugia hafer lil imputat t'ghemilu sa mill-bidu nett ta' dawn l-proceduri u stqarr li hu ilu jaf lil imputat ghal zmien twil bhala pazjent u qatt ma kellu xi jghid mieghu, tant li lanqas civilment ma ried ifittex lil imputat;

4. Il-fatt li dan l-incident kien wiehed sfortunat;

5. Il-fatt, kif stqarret il-Probation Officer, li l-imputat huwa persuna biezla hafna u li jahdem hafna wkoll.

Ghalhekk **il-Qorti wara li tiddikjara li qed issib lil imputat TOMMY DIMECH hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu, salv u b'eccezzjoni dik ta' attentat ta' ferita gravi fuq il-persuna ta' Margaret Zammit, mill-liema akkuza qed tilliberah, u tiddeciedi li <u>tikkundannah ghal sentejn [2] prigunerija sospizi ghal erbgha [4] snin u tpoggih taht ordni ta' supervizzjoni, bl-applikazzjoni tal-artikolu 28G tal-Kodici Kriminali, ghal perjodu kollu ta' erbgha [4] snin mill-lum</u>.**

**Tordna li din l-Ordni ta' supervizzjoni tigi annessa ma din s-sentenza.**

**Il-Qorti tordna wkoll li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation ai**

**termini tal-artikolu 11(5) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tissolecita lil istess Direttur sabiex jinnomina persuna li jkollha esperjenza dwar kif tittratta maz-zaghzagh u taghmel s-supervizzjoni tal-imputat Tommy Dimech filwaqt li tirrakkomandalu sabiex sakemm hu possibbli, tigi nomintata l-istess Senior Probation Officer Miriam Sevasta li rredigiet l-*pre sentencing inquiry report* fil-konfront tieghu.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti jew esperti, il-Qorti tilqa tali talba u tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes kollha nvoluti fil-hatra tal-esperti nominati u cioe ta' Dottor Vincent Galea [fol 48], PS 602 Jonathan Attard u PS 659 Jeffrey Hughes [fol 133], Doctor Mario Scerri [fol 222] u Robert Cardona [fol 239] fl-ammont komplessiv ta' erbgha mija disgha w tletin lira u tletin centezmu [LM439.30] u dan fi zmien tlett [3] xhur u fin-nuqqas jigu awtomatikament konvertiti fi prigunerija.**

**Tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.**
**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huma jonqos li josservaha.**

**L-imputat probationer minn naha tieghu ddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din s-sentenza u x'jigri jekk jonqos li josservaha.**

**Tordna wkoll li kopja ta' din s-sentenza tinghata lil istess imputat probationer Tommy Dimech.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------